MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 1/2003/1

**Christopher Hall u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Josephine Hall, Alexander Hall u Stephen Hall**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell jirrigwarda zewg eccezzjonijiet preliminari f'kawza fejn ir-rikorrenti qed jallegaw li l-Att XXXVII ta' l-1973 u tlett ordnijiet ta' rekwizzjoni kisrulhom, u ghadhom qed jiksrulhom, id-dritt taghhom ghall-proprjeta` kif protett bil-Kostituzzjoni bil-Konvenzjoni Ewropeja.

**2.** Ma hemmx verament kontestazzjoni dwar il-fatti saljenti tal-kaz, li jistghu jigu sintetizzati hekk:

**i.** Ir-rikorrent Christopher Hall kien proprjetarju ta' parti indiviza minn seba' ($^{1}/_{7}$) tad-dar immarkata bin-numri 9/10, fi Triq Mariano Vella (gia Rose Street), Sliema[1]. Il-fond huwa wiehed, imma ghandu zewg bibien[2].

**ii.** Dan il-fond gie rekwizizzjonat mis-Segretarju tad-Djar fis-6 ta' Lulju 1973, bl-Ordni tar-Rekwizzizzjoni bin-numru 28181, li inharget fuq Josephine Hall, omm ir-rikorrent Christopher Hall[3].

**iii.** Sussegwentement, dan il-fond gie registrat bhala fond dekontrollat fit-30 ta' Lulju 1973, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 3(d) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta[4].

**iv.** Fil-31 ta' Lulju 1973 dahal fis-sehh l-Att Numru XXXVII ta' l-1973 li a tenur tad-dispost ta' l-Artikolu 4(2) stabilixxa li kull registrazzjoni ta' dekontroll li saret qabel id-dhul fis-sehh ta' dak l-Att kienet bla effett u li kull dar li kienet hekk registrata ghandha titqies bhala li qatt ma kienet dekonrollata, jekk tali registrazzjoni kienet saret wara l-hrug ta' ordni ta' rekwizizzjoni dwar id-djar. Ghal fini ta' kjarezza huwa opportun li jigi riprodott l-Artikolu 4 in dezamina:

**"(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ebda haga f'dan l-Att ma tolqot xi registrazzjoni li tkun saret validament, mill-Ufficjal tal-Valutazzjoni ta' l-Artijiet skond l-Artikolu 3 tal-ligi principali qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att.**

[1] Ara Dok RS 17 (dikjarazzjoni *causa mortis)* a fol. 52 tal-process.
[2] Ara xiehda ta' Joseph Fava a fol. 165 tal-process.
[3] Dok RS 14 a fol. 47 tal-process, u d-dokument a fol. 102 tal-process.
[4] Dok RS 13 a fol. 46 tal-process.

**"(2) B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra tal-ligi principali, kull registrazzjoni bhala dar ta' abitazzjoni mnehhija mill-kontroll maghmula mill-Ufficjal tal-Valutazzjoni ta' l-Artijiet skond il-ligi principali qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ghandha tkun bla effett, u kull dar hekk registrata ghandha titqies li la hi u lanqas qatt kienet dar ta' abitazzjoni mnehhija mill-kontroll, jekk dik ir-registrazzjoni tkun saret wara l-hrug ta' ordni ta' rekwizizzjoni skond l-Att dwar id-Djar relattivament ghal dik id-dar u jekk –**

**(a) id-dar tkun wahda specifikata fil-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 3 tal-ligi principali; jew**
**(b) fil-kaz ta' kull dar ohra, persuna tkun giet imqieghda fiha jew tkun xort'ohra baqghet tokkupaha qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att,**

**u f'kull kaz bhal dan kull dar bhal dik ghadha titqies li dejjem baqghet rekwizizzjonata."**

**v.** Konsegwenza ta' din id-disposizzjoni tal-ligi – senjatament is-subinciz (2) – ladarba il-fond in kwistjoni kien suggett ghal ordni ta' rekwizizzjoni qabel il-hrug tac-certifikat tad-dekontroll, ic-certifikat tad-dekontroll gie mhassar u l-fond *de quo* rega' tqieghed taht l-ordni ta' rekwizizzjoni daqslikieku dan il-fond dejjem baqa' rekwizizzjonat.

**vi.** Sussegwentement, rega' nhareg ordni ta' rekwizizzjoni iehor fi-22 ta' Settembru 1973, fejn Mary Hall (mhux parti f'din il-kawza) giet ordnata (ghal darb'ohra) biex titlaq il-pussess tal-fond in kwistjoni u tikkunsinna l-imfietah rispettivi lis-Segretarju tad-Djar[5].

**vii.** Ghal xi raguni, ftit taz-zmien wara, u cioe` fit-22 ta' Novembru 1973, regghet inharget ordni ta' rekwizizzjoni ohra, izda din id-darba fil-konfront ta' certu Nina England

[5] Ara Dok RS 15 a fol. 48 tal-process.

Sant Fournier (ukoll mhux parti f'din il-kawza) biex tirrilaxxa l-pussess ta' l-istess fond[6].

**viii.** Wara l-hrug ta' dawn l-ordinijiet ta' rekwizizzjoni, permezz ta' ittra datata 20 ta' Marzu 1974[7], omm ir-rikorrent, Josephine Hall, giet infurmata mis-Segretarju tad-Djar li l-fond in kwistjoni gie allokat lil certu Joseph Fava taht titolu ta' lokazzjoni.

**ix.** Jirrizulta li l-imsemmi Joseph Fava dahal fl-imsemmi fond ftit wara u ghadu jghix hemmhekk sal-gurnata tal-lum u dan versu l-kera annwali ta' Lm21 (ekwivalenti ghal cirka €49) – liema kera giet iffissata mill-Ufficjal tal-Valutazzjoni ta' l-Artijiet.

**x.** Ir-rikorrenti u l-awturi taghhom qatt ma rrikonoxxew lil Joseph Fava u lanqas qatt ma accettaw kera minghandu.

**Talbiet u eccezzjonijiet**

**3.** Fir-rikors promotorju tieghu, ir-rikorrent Christopher Hall talab lill-ewwel Qorti sabiex:

1. tiddikjara illi l-Artikolu 4(2) ta' l-Att Numru XXXVII ta' l-1973 huwa in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
2. tiddikjara t-tlett ordnijiet ta' rekwizizzjoni datati 6 ta' Lulju 1973, 22 ta' Settembru 1973 u 22 ta' Novembru 1973 rispettivament bhala abuzivi u lezivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;
3. tirrevoka l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni hawn fuq imsemmija; u
4. taghti kull rimedju iehor necessarju u opportun skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

[6] Ara Dok RS 16 a fol. 49 tal-process.
[7] Ara Dok JH 6 a fol. 123 tal-process.

**4.** Fir-risposta taghhom (ara fol. 7 tal-atti), l-intimati eccepew:

1. Preliminarjament, illi l-Prim Ministru m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet;

2. Subordinatament, illi kwantu bazata fuq l-Att XIV ta' l-1987, l-azzjoni hija nfondata *ratione temporis* fit-termini ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Att illi jistipula illi ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dak l-Att;

3. Subordinatament, illi r-rikorrent kellu mezzi ordinarji ta' rimedju illi huwa seta' ezercita kemm skond il-poter generali tal-Qrati illi jissindakaw l-atti amministrattivi kif fis-sehh qabel l-1 ta' Ottubru 1995, kif ukoll fit-termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 sa mill-imsemmija data sa sitt xhur wara, u huwa naqas illi jirrikorri ghall-istess rimedju; dan in-nuqqas jirrendih *(sic!)* ghalhekk indikat illi dina l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fit-termini ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) ta' l-Att XIV ta' l-1987 stante nuqqas ta' rikors ghall-mezzi ordinarji ta' rimedju;

4. Subordinatament, illi ordni ta' rekwizzjoni taht l-Att dwar id-Djar ma jikkostitwix "tehid" ta' proprjeta` jew tehid ta' "pussess" (fis-sens legali ta' dik il-kelma kif uzata fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni) ta' proprjeta` izda jikkostitwixxi biss mizura ta' kontroll ta' uzu tal-proprjeta` fil-forma ta' detenzjoni temporanja ta' dik il-proprjeta` fl-interess pubbliku bl-iskop socjali li jittaffa l-problema ta' nuqqas ta' akkomodazzjoni u jigi zgurat kemm jista' jkun ir-rispett fis-socjeta` lejn id-dritt ghall-intimita` tad-dar, liema dritt huwa relatat fil-qrib u dipendenti mid-disponibilita` ta' djar biex l-individwi jkollhom fejn jghixu; ghaldaqsant, ir-rekwizizzjoni tal-fond in kwistjoni u l-ligi li tawtorizzaha, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-istess rekwizizzjoni ssir kontra pagament li s-sid jista' wkoll jikkontesta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ma jiksrux id-dispsozizzjonijiet ta' l-

Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**5.** Fis-seduta tat-23 ta’ Jannar 2003, l-avukati difensuri tar-rikorrent, b’riferenza ghall-ewwel eccezzjoni li l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur, irtiraw it-talba fil-konfront tieghu (ara fol. 9).

**L-ewwel sentenza appellata**

**6.** B’sentenza tal-21 ta’ Frar 2005, l-ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimati (dwar l-inapplikabilita` tal-Konvenzjoni Ewropeja *ratione temporis*). L-ispejjez baqghu rizervati ghall-gudizzju finali. Peress illi ir-rikorrenti appellaw ukoll minn din is-sentenza, huwa xieraq li tigi riprodotta l-motivazzjoni ta’ din is-sentenza parzjali. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

“Din id-decizjoni tirrigwarda it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali u d-Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u cioe` li kwantu bazata fuq l-Att XIV tal-1987 l-azzjoni hija nfondata ***ratione temporis*** fit-termini ta’ l-artikolu 7 ta’ l-istess Att illi jistipula li ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta’ April, 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta’ azzjoni taht l-artikolu 4 ta’ dak l-Att.
“Huma eccepew li tali vjolazzjoni, jekk sehhet, din sehhet fil-31 ta’ Lulju, 1973 meta d-dekontroll miksub gurnata qabel ingieb fix-xejn b’mod instantaneju u definittiv; illi tali azzjoni ma tistax issir taht il-Kap. 319 li gie fis-sehh fid-19 ta’ Awwissu, 1987.

“Min-naha l-ohra r-rikorrenti sostnew li dan l-Artikolu 7 mhux applikabbli fil-kaz in dezamina ghal diversi ragunijiet izda semmew specifikament il-fatt li ghalkemm dan l-Att gie promulgat fl-1973 u cioe` qabel 1987, l-effetti u l-konsegwenzi ta’ dan l-Att ghadhom qed jaffetwaw l-i***state of affairs*** u d-drittijiet tar-rikorrenti sal-lum. Ghamlu referenza ghall-kawza deciza mill-Onor Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Pawlu Cachia v. Avukat Generali** [586/97VDG] deciza fit-28 ta’ Dicembru, 2001.

"L-Artikolu 7 tal-Kap 319 jghid hekk: *Ebda ksur ta' l-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew ta' l-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) ta' l-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew ta' l-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew ta' l-Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002, ma ghandux jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-Artikolu 4.*

"Ghalhekk il-Qorti trid tezamina jekk ghalkemm l-Att gie promulgat fl-1973 u cioe` qabel 1987, l-effetti u l-konsegwenzi ta' dan l-Att ghadhom qed jaffetwaw l-i***state of affairs*** u d-drittijiet tar-rikorrenti sal-lum. F'dan l-istadju hu ferm importanti ghal Qorti li tiddistingwi bejn zewg aspetti u cioe` min-naha meta tkun saret jew giet attwata haga,  ghal min-naha l-ohra l-effetti li jistghu jirizultaw wara xi procedura. Trid issir distinzjoni bejn dak li sar b'mod instantaneju u li jhalli effetti ghal dejjem minn dak li huwa kontinwat; trid issir distinzjoni bejn *a* ***specific isolated administrative act*** li jhalli naturalment effetti ghal dejjem ghal min-naha l-ohra ***a continuing situation*** bl-effetti kontinwi taghha. Fit-tieni kaz jidhlu ***prolonged and continuing situations,*** u ***continuous threat***.

"Il-posizzjoni differenti temergi b'mod aktar car minn ezami ta' xi sentenzi. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Louis Manduca v. Prim Ministru et** l-attur kien waqt li kienet ghaddejja kawza ghal divizjoni ta' proprjeta` ***actio familiae erciscundae*** ghazel li jistitwixxi kawza fejn talab lill-Prim Awla tiddikjara l-Attur [recte: Att] XII tal-1950 null billi inkonsistenti mal-libertajiet u drittijiet fundamentali skond l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 319 fejn giet sollevata l-istess eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 7 tal-Kap. 319. F'dak il-kaz, il-process ta' tehid ta' possedimenti b'ligi kien imwassal sat-tmiem u l-legislatur kien effettivament ippregudika d-dritt tar-rikorrent ghal primogenitura snin qabel ma giet imressqa l-lanjanza kostituzzjonali. Kien proprju ghalhekk illi l-Qorti Kostituzzjonali "rriteniet illi f'dak il-kaz it-"tehid" tal-possedimenti ma setax jitqies bhala vjolazzjoni kontinwata izda biss bhala wahda istantaneja li avverrat ruhha appena giet approvata l-legizlazzjoni."

"Hemm ukoll interessanti l-kawza msemmija mir-rikorrent odjern u cioe` **Pawlu Cachia v. Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru 2001. F'dak il-kaz il-Qorti kellha quddiemha proceduri ghal esproprjazzjoni li ma kienux gew konkluzi u propju dan kien il-pern tal-kwistjoni. F'din il-kawza wkoll kienet giet sollevata l-istess eccezzjoni. Il-Qorti kienet irriferiet ghal dak li kien intqal fil-kawza ohra deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **L-Onor. Perit Dominic Mintoff et – v. – Onor Prim Ministru et** deciza fit-30 ta' April, 1996 dwar kuncetti importanti dwar l-esproprjazzjoni. F'dik il-kawza il-Qorti qalet: *"Fil-kaz taht ezami hu pacifiku li l-process ta' l-esproprjazzjoni li kien gie avvjat bid-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali, kien ghadu in corso u ma kienx ghadu gie mitmum. Ghall-Qorti hu car illi s-sottomissjonijiet kollha ta' l-appellanti f'dan ir-rigward kienu jkunu validi li kieku l-process ta' l-esproprjazzjoni kien gie finalizzat. F'dik l-eventwalita` d-data rilevanti ghall-fini ta' l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ratione temporis kienet tkun dik tat-trasferiment effettiv tal-proprjeta` li jsehh bil-publikazzjoni ta' l-att ta' akkwist kif previst fl-istess Kap. 88......Din il-Qorti allura hi tal-fehma li l-ewwel Qorti korrettement evalwat il-portata tad-dikjarazzjonijiet tal-Gvernatur Generali li ppromulgaw il-hsieb tal-Gvern li jesproprja l-proprjeta` in kwistjoni mhux bhala att istantaneju imma bhala l-ewwel att ta' process kontinwat illi kien ghadu mhux mitmum u li konsegwentement, jekk jirrizulta illi f'xi zmien sakemm jigi finalment rejalizzat kien leziv tal-jedd fundamentali tar-rikorrent, seta' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kemm tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni. Bizzejjed jinghad illi d-dikjarazzjoni Presidenzjali nfisha titkellem f'termini futuri u mhux f'termini attwali fir-rigward tat-tehid tal-proprjeta`. Infatti, il-Gvernatur Generali ta' allura (illum il-President tar-Repubblika) jiddikjara li l-art kienet mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-akkwist ta' l-artijiet ghal skopijiet pubblici u "illi l-akkwist taghha <u>ghandu jkun</u> b'xiri assolut". Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li d-dritt tal-proprjeta` fuq l-art jibqa' tas-sid sakemm effettivament jigi pubblikat l-att definittiv li bih din tigi*

*legalment trasferita mill-Gvern. Id-dikjarazzjoni presidenzjali timporta biss allura restrizzjoni, anke jekk assoluta, fuq l-uzu tal-proprjeta` minn sidha, u tinvesti lill-Istat bid-dritt li jaghmel uzu mill-istess proprjeta` ad eskluzjoni ta' sidha jew ta' terzi persuni. Ma hemm allura xejn istantaneju fid-dikjarazzjoni presidenzjali. Ghall-kuntrarju hi dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma tippriva lill-proprjetarju mid-dritt u mit-titolu li kellu fuq l-art. Tillimitalu biss l-uzu taghha. Limitazzjoni li l-Istat jista', meta u x'hin irid, inehhi. Chi bolla sbolla. "The Court has endorsed the notion of a continuing violation of the Convention and its effects as to temporal limitation of the competence of the Convention organs. Accordingly the present case concerns alleged violations of a continuing nature if the applicant, for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1 and Art. 8 of the Convention can still be regarded as the legal owner of the land" (Loizidou v. Turkey, 1996, 23 E. IH. R. 513)."*

"F'dik is-sentenza saret ukoll referenza ghall-kawza **Agrotexim Hallas – v. – Greece**, Commission 12 ta' Frar, 1992 (Vol. 72 p.148).

"Meta r-rikorrent irrefera ghal kaz ta' Pawlu Cachia missu semma li l-bazi tad-decizzjoni kienet li l-att finali ma kienx sar u lanqas il-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Importanti jissemma dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Spira Grech v. Prim Ministru et** deciza fl-10 ta' Novembru, 1993 u cioe` li meta gie pubblikat il-kuntratt tal-1980, l-art akkwistata mill-Gvern harget mill-pussess tar-rikorrenti u saret proprjeta` assoluta tal-Gvern…Waqt li wiehed jista' jargumenta li l-esproprjazzjoni tirrikorri f'data preciza, ic-cahda mill-possedimenti 'tkarkar fiz-zmien' ".

"Issa l-kaz in ezami r-rikorrent jirreferi ghal fatt li huwa sid il-fond 9/10, Triq Patri Marjanu Vella (gia Triq Rose), Sliema, u kien jippossjedi l-fond in kwistjoni fiz-zmien meta harget l-ordni tar-rekwizizzjoni, u li fit-30 ta' Lulju 1973 il-fond gie dekontrollat ai termini ta' l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta); li fil-31 ta' Lulju 1973, u cioe` jum biss wara li nhareg ic-Certifikat tad-Dekontroll, dahal fis-sehh l-Att

Numru XXXVII ta’ l-1973 gie promulgat. Skond ir-rikorrent l-Artikolu 4 (2) ta’ l-Att Numru XXXVII ta’ l-1973 huwa in vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 1 ta’ l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

“Ir-rikorrent isostni li effetti u konsegwenzi tal-Att imsemmi jaffettwaw ***the state of affairs*** u drittijiet tieghu sal-lum u li ghalhekk mhux applikabbli l-eccezzjoni tal-intimati bazata fuq il-fatt li l-azzjoni hija nfondata ***ratione temporis*** fit-termini tal-Kap. 319 Art 7. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ tali sottomissjoni ghax thoss li huma l-effetti ta’ tali decizjoni li ghadhom jissussistu izda li l-att gie promulgat fl-1973 u ghalhekk kien proprju dan li kkawza dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent. Il-kaz in ezami huwa bhal ta’ Louis Manduca u mhux bhal ta’ Pawlu Cachia. Fil-kaz in ezami dak li gara wassal sat-tmiem u l-legislatur kien effettivament ippregudika d-dritt tar-rikorrent. Ghalhekk il-vjolazzjoni lmentata mir-rikorrent ma tistax titqies “bhala vjolazzjoni kontinwata izda biss bhala wahda istantaneja li avverrat ruhha appena giet approvata l-legizlazzjoni.” Huwa veru li l-effetti ghadhom hemm sal-lum bhal fil-kaz ta’ Spira Grech v. Prim Ministru et izda dan mhux sufficjenti biex iwassal ghall-fatt li ma tibqax applikabbli l-eccezzjoni sollevata mill-intimati dwar il-fatt li l-azzjoni odjerna relattivament ghall-Kap. 319 hija nfondata ***ratione temporis***.”

**<u>It-tieni sentenza appellata</u>**

**7.** B’sentenza tal-25 ta’ Frar 2009, l-ewwel Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni ta’ l-intimati u ddeklinat milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, billi fil-fehma taghha r-rikorrenti ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji u ghalhekk *“it-talbiet tar-rikorrenti qieghdin jigi* (sic!) *michuda.”* Izda minhabba n-natura tal-kaz, l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez kollha jibqghu bla taxxa. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti oservazzjonijiet:

“Ir-rikorrenti sostnew li:

““Illi kif jidher mir-rikors promotorju, fil-kaz prezenti, l-esponenti qed jattakkaw l-Artikolu 4(2) ta’ l-Att Numru XXXVII tal-1973 li emenda l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar u qed isostnu illi b’din il-ligi gie vjolat id-dritt fundamentali taghhom kkontemplat fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

“Illi kif jirrizulta mill-provi fit-30 ta’ Lulju 1973 il-fond 9/10, fi Triq Patri Marjanu Vella, Sliema gie dekontrollat mill-*Land Valuation Officer* ai termini tal-Ordinanza tal-1959 li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar [Decontrol certificate numer 7142/73] u b’hekk il-fond tar-rikorrenti inheles mill-effetti tar-rekwizzjoni u l-pussess tieghu rega’ gie f’idejn ir-rikorrenti minghajr ebda kontroll da parti tal-awtoritajiet governattivi. Izda sussegwentement, permezz ta’ l-Artikolu 4(2) ta’ l-Att Numru XXXVII tal-1973, ic-certifikat ta’ dekontroll li akkwistaw ir-rikorrenti skond il-ligi gie mhassar u minhabba f’hekk il-fond tar-rikorrenti rega’ beda jitqies bhala wiehed rekwizzjonat skond kif jghid espressament dan l-artikolu tal-ligi. In fatti, wara li omm ir-rikorrent giet ordnata tirritorna c-cwievet, is-Segretarju tad-Djar alloka l-fond lil terz fl-20 ta’ Marzu 1974. Ghalhekk huwa car illi bl-Att Numru XXXVII tal-1973 li hassar id-dekontroll tal-fond, il-fond ma baqax aktar mehlus mill-effetti tar-rekwizzjoni izda rega’ ttiehed mill-pussess tar-rikorrenti u gie soggett ghall-kontroll tal-awtoritajiet governattivi. Il-fond ghadu soggett ghal dan il-kontroll sal-gurnata ta’ llum u r-rikorrenti la jistghu jaghmlu uzu mill-fond taghhom u lanqas qatt ma inghataw kumpens xieraq ghal dan.”

“Izda l-intimat sostna li din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-kompetenza kostituzzjonali tagħha a tenur ta’ l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dan għaliex ir-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji li kellhom għad-disposizzjoni tagħħhom. Sostna li r-rimedju kostituzzjonali huwa wieħed  strettament straordinarju u għandu jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares u tittutela d-drittijiet fundamentali ta’ l-individwu.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Falzon v. Registratur tal-Qorti et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili [LFS] fl-14 ta’ Frar, 2002 il-Qorti qalet:

““Fil-fehma tal-Qorti f’din il-kawza ghandu importanza kbira il-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.”

“Fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-*proviso* li jghid: *Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.*

“Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta’ Ottubru, 1993 fl-ismijiet **Martin Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija et** insibu:

““Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta’ l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta’ kawza ta’ din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta’ l-indagini ikunu ta’ natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta’ Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim Awla”

“Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta’ Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister nomine**, wara li ezaminat numru ta’ sentenzi kienet qalet hekk:

““Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta’ din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita` ta' l-ewwel Qorti konferit mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

"Fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri v. L-Onor. Prim Ministru** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

""Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta` hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed

kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

"Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet **Paul Makay v. Kummissarju tal-Pulizija** u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet **Anton Scicluna pro et noe v. Prim Ministru**.

"Dan il-*proviso* ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta`; izda min-naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qed tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra l-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut ta' l-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, il-Qorti m'ghandiex tikkunsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux

f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilta` li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provvduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.

"Fil-kawza **Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001 intqal:

""sakemm tibqa' l-possibilita` li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri u mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli."

"Interessanti wkoll dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni fil-kawza **Mary Green et v. Avukat Ġenerali et** tat-13 ta' April 2007 fejn intqal:

""Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser; għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jaghti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi…".

“Ta’ min isemmi wkoll is-sentenza riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs*** deciza fis-16 ta’ Jannar 2006 fejn ġie rappurtat li:

““M’huwiex moghti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wieħed jista’ jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel;”

“Issa ghandu jinghad li ordni ta’ rekwizizzjoni certament li tikkwalifika fid-definizzjoni ta’ ghemil amministrattiv. Jidher car li l-ilment tar-rikorrenti huwa bazat fuq ilment ta’ azzjoni amministrattiva. Din il-Qorti thoss li peress li qed jigi kontestat att amministrattiv, ir-rikorrenti kellu rimedju mill-qrati ta’ kompetenza ordinarja, u seta’ jattakka dan l-att amministrattiv l-ewwel taħt l-Artikolu 742 (2) tal-Kap. 12 meta dan kien għadu viġenti u wara l-emendi ta’ l-1995 anke permezz tar-rimedju ordinarju kontemplat fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 senjatament permezz tas-subinċiż (1) paragrafu (a) ta’ l-imsemmi artikolu.
“Il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija** fis-sentenza mogħtija fit-2 ta’ Novembru 2001 fejn intqal:

““fejn dawn il-liġijiet jagħtu rimedju għal-leżjoni – u fost dawn il-liġijiet kellu jitqies l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri għar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri għar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;”

“Ukoll fis-sentenza **Raymond Farrugia v. Kummissarju tal-Pulizija** deċiża fit-12 ta’ Novembru 2001, għemil amministrattiv jista’ jiġi dikjarat null, invalidu jew mingħajr effett meta dak l-għemil jikser il-Kostituzzjoni – inkluż ukoll id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem. Ghalhekk ir-rikorrenti kellhom rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat li permezz tieghu l-Qorti fil-kompetenza

ordinarja taghha kellha l-fakulta` li thassar u tirrevoka dak l-ghemil amministrattiv, u cioe` fil-kaz in ezami l-ordni ta' rekwizizzjoni. Ghalhekk kien hemm mezzi ordinarji biex tigi attakkata l-ordni ta' rekwizizzjoni ghax jekk ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni l-Qorti ghandha s-setgha li terga' tqieghed lir-rikorrent fil-pozizzjoni qabel ma harget ordni ta' rekwizizzjoni, u ghalhekk kien hemm rimedju effettiv taht l-Artikolu 469A u b'hekk ir-rikorrent kien jigi re-integrat fid-drittijiet tieghu jekk misjub li ghandu ragun.

"Ir-rikorrenti sostnew li huma ma kienux qed jattakkaw att amministrattiv iżda disposizzjoni speċifika tal-liġi – senjatament l-Artikolu 4 (2) ta' l-Att XXXVIII ta' l-1973. Hu ovvju li l-ligi wehedha minghajr l-ordni tar-rekwiżizzjoni ma seta' qatt iwassal ghal dan. L-Artikolu 4 (2) waħdu m'għandux is-saħħa li potenzjalment jilledi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni – huwa biss bil-ħruġ tal-ordni tar-rekwiżizzjoni li seta' potenzjalment kien hemm leżjoni.

"Kien ghalhekk li l-intimat sostna li:

""r-rikorrenti mhux biss ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji li huma setgħu faċilment utilizzaw, iżda ħallew kważi tletin sena jgħaddu inutilment mingħajr ma dawn m'għamlu assolutament xejn. Infatti ma jirriżultax li r-rikorrenti qatt ippreżentaw xi protest ġudizzjarju jew xi att ġudizzjarju ieħor fejn interpellaw lill-intimati li kienu qegħdin allegatament jilledulhom xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħhom jew li saħansitra kienu qegħdin iżommuhom *in dolo, culpa et mora* fir-rigward ta' xi danni li huma allegatament kienu qegħdin isofru."

"Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji u ghalhekk it-talbiet rikorrenti qedghin jiġi miċħuda."

**<u>L-appell u r-risposta ghall-appell</u>**

**8.** Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati minn dawn iz-zewg sentenzi u interponew appell minnhom. Jinghad mill-ewwel li ghalkemm dawn iz-zewg sentenzi jittrattaw

esklussivament punti preliminari ta' procedura, l-appellanti deherilhom li kellhom jaghmlu mhux biss sottomissjonijiet ghaliex fl-opinjoni taghhom dawn iz-zewg sentenzi huma skorretti, izda ghamlu wkoll sottomissjonijiet dwar il-meritu tal-vertenza. Din il-Qorti sejra tinjora kompletament dawn is-sottomissjonijiet dwar il-meritu, stante li anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, hija tasal biex taqbel ma' l-appellanti illi wahda u/jew iz-zewg sentenzi huma skorretti, hija m'ghandhiex iccahhad lill-partijiet mid-dritt tad-doppju ezami, u ghalhekk ir-rimedju ghandu jkun li din il-Qorti terga' tibghat l-atti lura lill-Prim Awla ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

**9.** Jinghad ukoll li fit-tieni sentenza taghha, l-ewwel Qorti, wara li waslet ghall-konkluzjoni li l-appellanti ma kienux utilizzaw ir-rimedji ordinarji, qalet li *"ghalhekk it-talbiet rikorrenti qedghin jigi* (sic) *michuda."* Pero`, bid-dovut rigward lejn dik il-Qorti, ladarba hija waslet ghall-konkluzjoni li kellha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, hija kellha tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju, u mhux tichad it-talbiet tar-rikorrenti, ghax ladarba iddeklinat milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha hija awtomatikament abdikat milli tinvestiga l-meritu tat-talbiet, u fil-fatt il-meritu tat-talbiet rikorrenti ma giex ikkunsidrat mill-ewwel Qorti.

**10.** Ghalhekk, u safejn setghet tifhem din il-Qorti minn dak li jinghad fir-rikors ta' appell (li ma huwa xejn car ghal dak li hu ordni ta' hsieb), ghall-finijiet tal-punti procedurali kkunsidrati u decizi fiz-zewg sentenzi appellati, l-aggravji ta' l-appellanti huma, in sintesi, is-segwenti:

1. Illi is-sentenza in parte fiha interpretazzjoni zbaljata dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja *ratione temporis*, stante illi l-effett ta' l-Att XXXVII ta' l-1973 li permezz tieghu gie mhassar ic-certifikat tad-dekontroll u l-effett ta' l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni in kwistjoni huwa kontinwat, tant illi b'konsegwenza ta' dan l-Att u ta' l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni l-appellanti ghadhom sa llum imcahhdin mill-pussess u/jew il-godiment tal-fond taghhom, u dan minghajr ebda kumpens ragjonevoli bhala korrispettiv;

2. Illi s-sentenza definittiva dwar in-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji hija wkoll zbaljata ghaliex l-appellanti ma kienux qed jattakkaw ghemil amministrattiv *per se* izda kienu qed jattakkaw direttament il-ligi li permezz taghha c-certifikat ta' dekontroll li kellhom favur taghhom gie mhassar b'mod retroattiv;
3. Illi ladarba l-att amministrattiv li permezz tieghu il-post li kien ghadu kemm gie dekontrollat rega' gie rekwizizzjonat kien wiehed li sar skond ligi promulgata, kien ikun inutli ghall-appellanti li jallegaw nuqqas fl-eghmil amministrattiv ghab-bazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Procedura Civili;
4. Illi minghajr pregudizzju ghal dan kollu, anki kieku stess l-appellanti ma ghamlux uzu minn remedju li setghu kellhom, dan ma jfissirx awtomatikament li l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

Dawn l-aggravji m'humiex hawn riprodotti fl-ordni li fihom gew sottomessi fir-rikors ta' l-appell, izda huma, kif inghad, sintezi tad-diversi lanjanzi ta' l-appellanti, li din il-Qorti, mhux minghajr diffikulta`, ippruvat ittihom ordni logiku.

**11.** Probabbilment konsegwenza tal-mod pjuttost ingarbuljat kif gie redatt ir-rikors ta' l-appell, ir-risposta ta' l-appell, apparti li tirribatti l-aggravji fuq elenkati ta' l-appellanti, fiha ukoll diversi sottomissjonijiet fuq il-meritu tal-vertenza. Ghar-ragunijiet spjegati iktar il-fuq, din il-Qorti se tinjora kompletament dawn is-sottomissjonijiet fil-meritu, u se tikkunsidra biss is-sottomissjonijiet ta' l-appellati fuq il-punti procedurali kkunsidrati u decizi mill-ewwel Qorti.

**12.** Preliminarjament, l-appellati ssollevaw il-pregudizzjali taht l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi skond l-istess appellati, l-mod kif giet redatta t-talba finali fir-rikors ta' l-appell, jindika li l-appellanti kienu qeghdin jappellaw esklussivament u limitatament mis-sentenza finali tal-25 ta' Frar 2009 u b'hekk mhux ukoll mis-sentenza parzjali tal-21 ta' Frar 2005. Din il-Qorti sejra l-

ewwel tittratta din il-pregudizzjali qabel ma tikkonsidra l-aggravji ta' l-appellanti.

**Il-pregudizzjali skond l-Artikolu 231 tal-Kap. 12**

**13.** L-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi: *"Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnha jsir appell."* L-appellati qed iserrhu l-pregudizzjali taghhom fuq il-fatt illi:

1. it-talba finali tar-rikors ta' l-appell tibda billi tghid hekk: *"... ... (L)-appellant* (recte l-appellanti)[8] *... ... umilment jitlob lil din is-Superjuri Qorti sabiex joghgobha tirrevoka, tannulla u thassar* *__is-sentenza appellata__, u tghaddi sabiex: ... ..."* (enfasi ta' din il-Qorti);
2. f'pagna 4 tar-rikors ta' l-appell[9] l-appellanti jghidu illi huma *"hassu rwiehom aggravati* *__b'din is-sentenza__* *ta' l-ewwel Onorabbli Qorti."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Abbazi ta' dawn iz-zewg fatturi, l-appellati jargumentaw illi allura l-appellanti ma talbux "espressament" ir-revoka wkoll tas-sentenza in parte kif jesigi l-Artikolu 231 tal-Kap. 12, u ghalhekk, skond huma, din is-sentenza ghaddiet in gudikat kontra l-appellanti.

**14.** Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-pregudizzjali ma hix fondata, sakemm wiehed ma jridx jintilef f'formalizmu zejjed u li lanqas isib konfort fid-dispost ta' l-Artikolu 231, u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. F'pagna 7 tar-rikors ta' l-appell[10], l-appellanti jghidu espressament *"Illi l-aggravji fuq liema l-appellanti qeghdin jibbazaw dan l-appell jikkoncernaw* *__kemm sentenza parzjali moghtija mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Frar 2005__* *kif*

[8] Stante li r-rikorrent originali miet fil-mori tal-kawza, u l-atti gew trasfuzi f'isem martu u z-zewg uliedu.
[9] A fol. 5 tal-process ta' l-appell.
[10] A fol. 8 tal-process ta' l-appell.

*ukoll mis-sentenza definittiva moghtija fil-25 ta' Frar 2009."* (enfasi ta' din il-Qorti).

2. Fl-istess faccata mbaghad insibu l-intestatura *"L-aggravji ta' l-appell dwar is-sentenza in parte"* u taht din l-intestatura hemm erba' faccati u nofs tar-rikors ta' l-appell dedikati ghall-kritika ta' dak li, skond l-appellanti, huwa zbaljat fis-sentenza in parte.

3. Ghalkemm huwa minnu li t-talba finali tibda billi titlob biss ir-revoka ta' *"sentenza"* (fis-singular u minghajr ma taghti d-data taghha), l-istess talba titlob illi l-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara *inter alia* li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Din it-talba ta' l-appellanti ovvjament qieghda tippresupponi li l-Qorti Kostituzzjonali tilqa' l-aggravji taghhom dwar is-sentenza in parte u tirrevokaha.

4. Ghalkemm bir-ragun kollu l-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 jippreskrivi illi ghandhom jissemmew espressament is-sentenzi li minnhom qed isir appell, ma jippreskrivix tassattivament li dawn is-sentenzi ghandhom jissemmew bilfors fl-ahhar tar-rikors ta' l-appell.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti kellhom intenzjoni li jappellaw mis-sentenza in parte u li din l-intenzjoni taghhom urewha "espressament" fil-korp tar-rikors ta' l-appell taghhom, inkluz fit-talba finali tar-rikors ta' l-appell. Konsegwentement, ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 231(1) tal-Kap. 12 huma sodisfatti. Il-fatt li fit-talba finali hemm talba ghar-revoka tas- *"sentenza appellata"* minflok *"tas-sentenzi appellati"* huwa, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, zball tal-pinna, li ma ghandu jkollu l-ebda effett fuq il-validita` ta' l-appell mis-sentenza in parte.

**15.** Ghaldaqstant din il-pregudizzjali ta' l-appellati qed tigi michuda. Ghalhekk din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkonsidra l-aggravji ta' l-appellanti, kif hawn aktar 'l fuq sintetizzati.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

**16.** Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti jilmentaw illi s-sentenza *in parte* fiha interpretazzjoni zbaljata dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja *ratione temporis*, stante illi l-effett ta' l-Att XXXVII ta' l-1973 li permezz tieghu gie mhassar ic-certifikat tad-dekontroll u l-effett ta' l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni in kwistjoni huwa kontinwat, tant illi b'konsegwenza ta' dan l-Att u ta' l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni l-appellanti ghadhom sa llum imcahhdin mill-pussess u l-godiment tal-fond taghhom, u minghajr ebda kumpens ragjonevoli.

**17.** Fis-sentenza in parte taghha, l-ewwel Qorti ddecidiet illi, in kwantu bazata fuq l-Att XIV ta' l-1987, l-azzjoni hija nfondata *ratione temporis* fit-termini ta' l-Artikolu 7 ta' l-istess Att illi jistipula li ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dak l-Att. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-Att XXXVII ta' l-1973 li minnu qed jilmentaw l-appellanti kien att istantanju, u huma biss l-effetti ta' dan l-Att li ghadhom jissussistu. Ghalhekk, skond l-ewwel Qorti, il-vjolazzjoni lamentata mill-appellanti ma tistax titqies bhala vjolazzjoni kontinwata izda biss bhala wahda istantaneja li avverat ruhha appena giet approvata l-legislazzjoni.

**18.** Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija korretta s-sottomissjoni ta' l-appellati, maghmula fir-risposta taghhom, illi fil-konsiderazzjoni ta' l-aggravji kollha ta' dan l-appell trid issir distinzjoni netta bejn l-ilmenti dwar l-Att XXXVII ta' l-1973 u l-ilmenti dwar l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni – distinzjoni li, sfortunatament, mhux dejjem inzammet la mill-appellanti nfushom u lanqas mill-ewwel Qorti. Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi bhala konsegwenza tal-promulgazzjoni ta' l-Artikolu 4(2) ta' l-Att XXXVII ta' l-1973 gie mhassar ic-certifikat ta' dekontroll fuq il-fond in kwistjoni, li kien inhareg biss gurnata qabel, u li l-fond in kwistjoni rega' tpogga taht l-ordni ta' rekwizizzjoni li kienet gia` inharget precedentement fil-konfront tieghu. Konsegwentement ma jistghax ikun hemm dubju illi l-effetti ta' dan l-artikolu u ta' dan l-Att in generali kienu <u>ghal kollox istantaneji</u> u dawn ikkunsmaw ruhhom hekk kif

dahal fis-sehh l-Att XXXVII ta' l-1973. Hekk kif dahal fis-sehh dan l-Att, ic-certifikat ta' dekontroll in kwistjoni gie imhassar b'effett immedjat[11]. Konsegwentement, l-ewwel Qorti kienet korretta meta, fis-sentenza parzjali taghha, irriteniet li l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 ma kienx japplika *ratione temporis* fil-konfront ta' l-Artikolu 4(2) ta' l-Att XXXVII ta' l-1973.

**19.** Jifdal ghalhekk li jigi ikkunsidrat jekk il-Kap. 319 kienx applikabbli *ratione temporis* fil-konfront tat-tlett ordinijiet ta' rekwizizzjoni – kwistjoni li fil-verita` ma gietx ikkunsidrata mill-ewwel Qorti. Din il-kwistjoni giet ezaminata fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Frar 2005, fl-ismijiet **Attilio Ghigo v. Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**. F'din is-sentenza, din il-Qorti (kif illum komposta) kienet irriteniet hekk: *"Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tirrileva fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Frar 2005 fl-ismijiet* ***Joseph John Edwards pro et noe v. Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali*** *– ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni – l-att ta' rekwizizzjoni huwa att istantanju li jikkonsma ruhu kif appena l-awtorita` pubblika tiehu c-cwievet ossia l-pussess tal-fond. Pero`, dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa proprjament mhux l-att ta' rekwizizzjoni per se daqs kemm il-fatt, li jirrikorri kull darba li tithallas il-kera, ta' l-allegat sproporzjon bejn il-kera percepita u l-interferenza mat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu, u dan fil-kwadru ta' dak minnu allegat ta' "hardship" ghad-diversi ragunijiet migjuba fir-rikors promotorju. Din hija cirkostanza – proprjament cirkostanza rikorrenti – li kompliet tavvera ruhha anke wara t-30 ta' April 1987. Ghalhekk ma kienitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-azzjoni ma kienitx proponibbli minhabba l-Artikolu 7 tal-Kap. 319. Bhal fil-kaz ta'* ***Edwards*** *dak li kien qed jigi prospettat kien "a continuing situation" li allura, galadarba li rrikorriet anke wara t-30 ta' April 1987, setghat tigi ezaminata fid-dawl ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni."*

---

[11] Ara b'analogija is-sentenzi **Louis Manduca vs. Il-Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Jannar 1999 u **Vincent Curmi noe et v. L-Onor. Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Frar 2008.

**20.** Konxji ta' l-insenjament ta' din is-sentenza, l-appellati (id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u l-Avukat Generali[12]) jilqghu ghal dan l-appell billi jissottomettu illi din is-sentenza ma tapplikax ghal kaz odjern ghaliex skond l-istess appellati *"jemergi carissimu mit-talbiet migbura* [migjuba?] *fir-rikors kostituzzjonali intavolat mill-appellant li dak li qed jattakkaw l-appellanti huma r-rekwizizzjonijiet per se u mhux l-isproporzjon bejn il-kera percepita u l-interferenza mat-tgawdija tal-proprjeta`."*[13] Issa huwa minnu li r-rikors promotorju ta' l-awtur ta' l-appellanti huwa skarn ghall-ahhar, u bazikament jillimita ruhu li jelenka l-fatti minghajr ma jispjega f'hix jikkonsistu l-vjolazzjonijiet tad-dritt ta' proprjeta` minnu allegati. Meta jsemmi t-tlett ordnijiet ta' rekwizizzjoni, huwa jillimita ruhu li jghid biss li skond hu dawn l-ordnijiet ma hargux fl-interess pubbliku u jitlob lill-Qorti tiddikjara li nhargu bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu; pero` ma hemm espressament l-ebda ilment li l-kumpens li huwa dovut huwa wiehed derizorju. Kien biss fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom tat-23 ta' April 2008 qabel inghatat is-sentenza finali – u ghalhekk wara li kienet inghatat is-sentenza *in parte* fuq l-applikazzjoni o meno tal-Konvenzjoni Ewropeja *ratione temporis* – li l-appellanti ssollevaw espressament il-kwistjoni ta' kumpens xieraq[14]. Fil-fatt fin-nota taghhom huma jissottomettu *inter alia* hekk: *"Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti sanciti fl-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jirrikjedi espressament illi l-kumpens ghandu jkun "xieraq" ghax wara li l-Artikolu 4(2) ta' l-Att XXXVII ta' l-1973 cahhad lir-rikorrenti mill-pussess tal-fond taghhom il-kumpens iffissat kien wiehed redikolu li bl-ebda sforz ta' l-immaginazzjoni ma jista' jitqies bhala kumpens xieraq."*[15] L-appellanti rripetew l-istess lanjanza taghhom dwar in-nuqqas ta' kumpens gust meta, fir-rikors ta' l-appell taghhom, kienu qed jittrattaw dan l-ewwel aggravju taghhom, cioe` dak ta' l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja *ratione temporis*. Fir-rikors ta' l-appell taghhom huma jissottomettu *inter alia* hekk: *"... ...*

[12] Il-kawza, kif diga` nghad, kienet giet ceduta fil-konfront tal-Prim Ministru.
[13] Ara fol. 15 tar-risposta ta' l-appell, a fol. 45 tal-process ta' l-appell.
[14] Ara fol. 173 *et seq.* tan-nota ta' osservazzjoni ta' l-appellanti fil-process in prim istanza.
[15] Ara fol. 177 tal-process in prim'istanza.

*(G)halkemm il-promulgazzjoni ta' l-Att Numru XXXVII ta' l-1973 u l-hrug ta' l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni kienu atti instantanji, l-effett taghhom (i.e. it-tgawdija tal-fond mir-rikorrenti) huwa wiehed kontinwat tant li sa llum ir-rikorrenti ghadhom imcahhdin mill-fond taghhom u l-kumpens iffissat ghal dan huwa wiehed ghal kollox redikolu. Ghalhekk huwa car illi l-lezjoni li minnha qed jilmenta r-rikorrent hi ta' natura kontinwata stante illi ghalkemm bdiet qabel it-30 ta' April 1987 kompliet ukoll sa wara din id-data. Infatti, ghalkemm ir-rikorrenti baqghu proprjetarji tal-fond in kwistjoni, huma ghadhom sa llum deprivati mit-tgawdija tieghu minghajr ebda kumpens ragjonevoli ghal dan."*[16] (enfasi ta' l-appellanti)

**21.** Fid-dawl tas-suespost, huwa car li f'dan l-istadju, l-appellanti qeghdin espressament jilmentaw mill-isproporzjon bejn il-kera percepita u l-interferenza mat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, ghalkemm huwa veru dak li jissottomettu l-appellati fir-risposta taghhom li dan l-ilment ma giex espressament sollevat fir-rikors promotorju ta' dawn il-proceduri. Pero` dan ma jfissirx li l-appellanti, f'kawza kostituzzjonali bhal dik odjerna, ma setghux jissollevaw dan l-ilment fi stadju iktar inoltrat tal-kawza. Kaz simili ghal dak odjern huwa l-kaz **Fleri Soler and Camilleri v. Malta** deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fis-26 ta' Settembru 2006, u li wkoll kien jitratta ordni ta' rekwizizzjoni. F'dak il-kaz ir-rikorrenti wkoll kienu naqsu milli jilmentaw espressament quddiem il-Qrati Maltin min-nuqqas ta' proporzjonalita` bejn il-kera percepit minnhom u l-valur tal-proprjeta` fis-suq, u ssollevaw espressament dan l-ilment biss fir-rikors taghhom lill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti Ewropeja cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-Gvern Malti li r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji domestici disponibbli ghalihom ghaliex irriteniet illi *"The Court would emphasise that the application of the rule of exhaustion must make due allowance for the fact that it is being applied in the context of machinery for the protection of human rights that the Contracting Parties have agreed to set up. Accordingly it has recognised that Article 35 must be applied with some degree of flexibility*

[16] Ara fol. 10 tar-rikors ta' l-appell a fol. 11 tal-process ta' l-appell.

*and without excessive formalism. ... ... As the applicants had complained of a breach of Article 1 of Protocol No. 1 <u>in its entirety</u>, the domestic courts with constitutional jurisdiction examined whether all the requirements of this provision had been complied with ... ... The Court considers that in raising this plea before the domestic courts with constitutional jurisdiction, the applicants made normal use of the remedies which were accessible to them and which related, in substance to the facts complained of at the European level."*[17]

**22.** Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm dan l-ilment ta' nuqqas ta' kumpens gust ma giex sollevat espressament fil-bidu ta' dawn il-proceduri, l-appellanti setghu proceduralment jissollevawh fi stadju avvanzat tal-kawza <u>ghax il-kuncett ta' kumpens gust jifforma parti integrali mid-dritt ta' proprjeta` kif protett kemm taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>, liema artikoli l-appellanti kienu (fir-rikors promotorju) u ghadhom qed allegaw li gew miksura fl-intier taghhom. S'intendi, fil-kap ta' l-ispejjez, din il-Qorti sejra tiehu kont tal-fatt li dan l-ilment ma giex sollevat espressament (izda biss implicitament) qabel ma l-ewwel Qorti tat id-decizjoni in parte taghha dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni *ratione temporis*, u li gie sollevat espressament fi stadju tardiv tal-proceduri in prim istanza u f'dan l-appell.

**23.** Fid-dawl ta' l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' **Attilio Ghigo**, fuq kwotata, u fid-dawl tal-fatt li f'dan l-istadju l-appellanti qed jilmentaw li huma m'humiex jippercepixxu kumpens xieraq ghall-interferenza fit-tgawdija minnhom tal-fond taghhom, din il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni in kwistjoni – pero` mhux ukoll l-Att XXXVII ta' l-1973 – ikkrejaw sitwazzjoni kontinwata, li kompliet tavvera ruhha kull darba li tithallas l-kera, u dan anki wara it-30 ta' April 1987. Konsegwentent dawn l-ordnijiet ta' rekwizzjoni jistghu, u ghandhom, jigu ezaminati fid-dawl ta' l-Artikolu 1 ta l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

[17] Paras. 38-40. Sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali.

Ghaldaqstant, dan l-ewwel aggravju tal-appellanti ser jigi milqugh limitatament ghal dak li jikkoncerna t-tlett ordnijiet ta' rekwizzjoni, u ser jigi michud ghall-kumplament.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

**24.** It-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens illi s-sentenza definittiva dwar in-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji hija wkoll zbaljata ghaliex l-appellanti ma kienux qed jattakkaw ghemil amministrattiv *per se* izda kienu qed jattakkaw direttament il-ligi li permezz taghha c-certifikat ta' dekontroll li kellhom favur taghhom gie mhassar b'mod retroattiv.

**25.** Huwa ben assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (u tal-Prim Awla fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha) li sabiex jista' jinghad li rikorrent kellu u/jew ghad ghandu disponibbli ghalih rimedju ordinarju, dan ir-rimedju jrid ikun wiehed accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat. Xi whud mill-kasistika relevanti in materja giet ikkwotata mill-ewwel Qorti, u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghaliha. L-ewwel Qorti cahdet is-sottomissjoni ta' l-appellanti li huma ma kellhomx rimedju ordinarju sabiex jattakkaw il-validita` ta' l-Artikolu 4(2) ta' l-Att XXXVII ta' l-1973, ghaliex, skond l-ewwel Qorti, *"Hu ovvju li l-ligi wahedha minghajr l-ordni ta' rekwizizzjoni ma seta' qatt iwassal ghal dan. L-Artikolu 4(2) wahdu m'ghandux is-sahha li potenzjalment jilledi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni – huwa biss bil-hrug ta' l-ordni ta' rekwizizzjoni li seta' potenzjalment kien hemm lezjoni."* L-ewwel Qorti, pero`, ma ddistingwitx bejn il-kwistjoni <u>procedurali</u> jekk l-appellanti kellhomx rimedju ordinarju sabiex jattakkaw il-ligi, u l-kwistjoni <u>fil-meritu</u> ta' jekk fil-fatt il-ligi, li kienet qed tigi impunjata, kienitx effettivament tilledi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. F'dan l-istadju tal-proceduri, il-kwistjoni jekk l-Att impunjat effettivament jivvjolax l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija ghal kollox irrelevanti, ghax din hija kwistjoni ta' meritu. Il-kwezit li riedet taghmel lilha nfisha l-ewwel Qorti kien jekk l-appellanti kellhomx xi rimedju ordinarju sabiex jimpunjaw l-Att XXXVII ta' l-1973 – irrespettivament, ghall-mument, mill-kwistjoni jekk ir-ragunijiet li ghalihom iridu jimpunjaw l-

Att humiex validi fil-ligi jew le. Huwa pacifiku li, apparti mill-Kap. 319[18], il-ligi ordinarja ma taghti l-ebda rimedju sabiex Att tal-Parlament jigi mpunjat, u ghalhekk l-unika triq disponibbli ghall-appellanti kienet li jifthu dawn il-proceduri kostituzzjonali stante li skond huma l-applikazzjoni retroattiva ta' l-Att XXXVII ta' l-1973 tivvjola d-dritt taghhom ta' proprjeta` kif protett taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Ghar-ragunijiet li gew spjegati iktar 'l fuq, l-appellanti ma jistawx jattakkaw ukoll dan l-Att taht l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, stante li l-Konvenzjoni Ewropeja ma hix applikabbli *ratione temporis.*

**26.** Ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi milqugh.

**<u>It-tielet aggravju</u>**

**27.** Fit-tielet aggravju taghhom, l-appellanti jissottomettu illi ladarba l-att amministrattiv li permezz tieghu il-post li kien ghadu kemm gie dekontrollat rega' gie rekwizizzjonat kien wiehed li sar skond ligi promulgata, kien ikun inutli ghar-rikorrent (l-awtur taghhom) li jallega nuqqas fl-ghemil amministrattiv in bazi ghall-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Procedura Civili. Issa, fil-mori ta' dawn il-proceduri, kemm fil-prim istanza kif ukoll fl-istadju ta' dan l-appell, l-ilment ta' l-appellanti fil-konfront ta' l-ordnijiet ta' rekwisizzjoni kien li dawn l-ordnijiet ipprivawhom mit-tgawdija pacifika tal-proprjeta` taghhom minghajr ma inghataw kumpens gust, bi ksur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Huma mhux qed jilmentaw li dawn l-ordnijiet inhargu bi ksur ta' xi ligi ordinarja ohra jew b'mod *ultra vires* ghall-ligi principali. Lanqas ma huma qed jilmentaw li l-kera dovuta lilhom ma gietx kalkolata skond id-disposizzjonijiet tal-ligijiet rilevanti. Dak li qed jilmentaw minnu l-appellanti huwa li, minkejja l-fatt li l-kera dovuta lilhom giet kalkolata skond id-disposizzjonijiet tal-ligijiet relevanti, l-ammont ta' din il-

[18] Kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem f'din is-sentenza, meta dak li jkun qed jigi allegat huwa ksur ta' xi dritt fondamentali kif protett b'xi disposizzjoni tal-Konvenzjoni kif inkorporata fil-Kap. 319, ir-rimedju jibqa' dak ta' rikors "kostituzzjonali", u mhux ta' rikors guramentat ghal "judicial review" taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

kera xorta wahda jilledi d-dritt fundamentali taghhom ghal kumpens gust. Ghalhekk, ir-rimedju ta' stharrig gudizzjarju kemm jekk taht l-Artikolu 742(2)[19] tal-Kap. 12 (meta din id-disposizzjoni kienet ghadha vigenti) u kemm ukoll taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, ma setghux u ma jistghux joffru rimedju adegwat ghall-ilment taghhom ta' nuqqas ta' kumpens xieraq -- ladarba l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni inhargu *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja, u ladarba l-kera gie kalkulat skond id-disposizzjonijiet tal-ligi ordinarja, l-Qrati Civili f'azzjoni ghal stharrig gudizzjarju la jistghu jannullaw dawk l-ordnijiet ta' rekwisizzjoni u lanqas ivarjaw il-likwidazzjoni ta' l-ammont tal-kera.

**28.** L-appellati, bhall-ewwel Qorti, jargumentaw illi stante illi subartikolu (1) tal-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jghid illi jista' jsir stharrig gudizzjarju *"meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni"* allura dan ifisser illi eghmil amministrattiv jista' jigi dikjarat null, invalidu u minghajr effett meta dak l-eghmil jikser il-Kostituzzjoni inkluz b'hekk anke d-disposizzjonijiet dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Huma jikkwotaw favur din it-tezi taghhom is-sentenza **Raymond Farrugia v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha)[20] fit-12 ta' Novembru 2001 (decizjoni, ta' min jghid, fejn ir-rikors promotorju kien jallega biss ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u mhux ukoll tal-Kostituzzjoni). Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' hsieb, u hi tal-fehma li l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lill-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 469A hija dik moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fit-2 ta' Novembru 2001. F'din is-sentenza ta' **Ciantar**, din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk:

**"... ... (l)l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'dawn l-ahhar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinciz (1)(a) ta' l-**

[19] Introdott bl-Att VIII ta' l-1981.
[20] U mhux mill-Qorti Kostituzzjonali kif jghidu l-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom a fol. 13 li tinsab a fol. 43 tal-process ta' l-appell. Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat din is-sentenza tal-Prim'Awla fid-9 ta' Gunju 2004.

**artikolu 469A fi sforz biex ticcara sa fejn din id-disposizzjoni setghet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-gurisdizzjoni originali moghtija mill-** [recte lill-]**istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34**[21] **sa 45 maghdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun giet jew tkun ser tigi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.**

**"Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gja` gie rilevat f'gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.**

**"Kif accennat, l-eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami isib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-ohra, l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja ... ... Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghall-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap. 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. ... ...**

**"Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikoncilja dan l-inciz (1)(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzoni**

[21] Mhux car ghala r-referenza hawn hi ghall-Artikolu 34, flok ghall-Artikolu 33.

**bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux ghal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta` interpretattiva. Mill-banda l-ohra, ta' min ifakkar, illi jidher illi l-legislatur originarjament intenda li, bl-introduzzjoni ta' l-inciz (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduci u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setghet tigi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inkluzi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi originarjament l-inciz (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll ghall-inciz (1)(a). Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-legislatur gie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika ghal eghmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dana bl-Att IV ta' l-1998. L-emenda pero` bl-ebda mod ma ccarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza civili u l-kompetenza kostituzzjonali."**

Fi kliem iehor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tigi risolta darba ghal dejjem, cioe` anke ghal kazijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 (u dan kuntrarjament ghal dak li donnha rriteniet il-Prim Awla fis-sentenza taghha fil-kaz ta' **Raymond Farrugia**, *supra*). A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet

fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke b'success, l-"eccezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat[22], jew li l-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jigi applikat *ex officio* mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skond l-imsemmi Artikolu 469A; dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghemil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-*proviso* msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat *ex officio* mill-Qorti.

**29.** Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi r-rimedju ta' stharrig gudizzjarju ta' l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni, in kwantu allegatament lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti, kien joffri rimedju sufficjenti u effettiv ghal-lanjanzi ta' l-istess appellanti fit-termini tal-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Ghal kull buon fini u ghall-precizjoni, pero`, ghandu jigi rilevat li fir-rikors promotorju tieghu, l-awtur ta' l-appellanti issottometta illi t-tlett ordnijiet ta' rekwizzjoni ma nhargux fl-interess pubbliku. Il-kwistjoni jekk ordni ta' rekwizizzjoni tkunx harget fl-interess pubbliku jew le hija kwistjoni li tista', u dejjem setghet, tigi mistharrga mill-qrati civili fi proceduri ta' *"judicial review".* Ghalhekk, jista' jigi argumentat illi, safejn l-appellanti qed jallegaw li l-ordnijiet in kwistjoni ma nhargux fl-interess pubbliku, huma kellhom a disposizzjoni taghhom rimedju ordinarju li ma giex ezawrit, qabel gew intavolati dawn il-proceduri straordinarji. Min-naha l-ohra, pero`, jidher li ghalkemm

[22] *Proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga – Art. 4(2) – tal-Kap. 319.

din il-kwistjoni ta' nuqqas ta' interess pubbliku giet sollevata fir-rikors promotorju, din jidher li ntesiet kompletament, ghax qatt ma regghet issemmiet la mill-partijiet u lanqas mill-ewwel Qorti, u l-meritu tal-kawza odjerna u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, sa fejn jirrigwarda l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni, gie ffukat fuq il-kwistjoni tat-tehid tat-tgawdija tal-proprjeta` minghajr kumpens gust. Fi kwalunkwe kaz, hu appena necessarju jinghad li l-Qorti ma hix "obbligata" li tastjeni milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fejn ir-rimedju ordinarju ma kienx se jirrimedja hlief in parti ghal-lanjanzi tar-rikorrent[23].

**30.** Ghalhekk dan it-tielet aggravju qed jigi milqugh.

**Ir-raba' aggravju**

**31.** Fir-raba' aggravju taghhom l-appellanti jissottomettu illi anki li kieku stess Christopher Hall ma ghamilx uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx awtomatikament li l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. In vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzjonijiet milhuqa fir-rigward it-tlett aggravji precedenti, ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tidhol f'dana l-aggravju.

**Decide**

**32.** Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti fil-5 ta' Marzu 2009 bil-mod segwenti:

**i.** tikkonferma s-sentenza preliminari tal-21 ta' Frar 2005 biss in kwantu rriteniet illi l-Kap. 319 ma kienx japplika *ratione temporis* fir-rigward tal-Artikolu 4(2) tal-Att XXXVII tal-1973, izda thassarha u tirrevokaha in kwantu dik is-sentenza tista' tiftiehem li l-istess Kap. 319 ma japplikax fir-rigward tat-tlett ordnijiet ta' rekwizizzjoni meritu ta' din il-kawza, u minflok tiddikjara li l-imsemmija ordnijiet ta' rekwizzjoni jistghu, u ghandhom, jigu ezaminati fid-dawl ta' l-Artikolu 1 ta l-Ewwel Protokoll tal-

[23] Ara is-sentenza **Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister noe** deciza fis-7 ta' Marzu 1994.

Konvenzjoni Ewropeja kif spjegat fil-paragrafi **22** u **23** tal-odjerna sentenza; u

**ii.** tirrevoka u thassar is-sentenza finali tal-25 ta' Frar 2009 (hlief ghall-kap ta' l-ispejjez), u minflok tichad it-tielet eccezzjoni ta' l-appellati (dwar in-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji) kif ukoll it-tieni eccezzjoni taghhom safejn tikkoncerna t-tlett ordnijiet ta' rekwizizzjoni, u tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu lura quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi u fid-dawl ta' dak deciz aktar 'l fuq f'din is-sentenza.

In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-mod konfuzjonarju ta' kif gie redatt ir-rikors ta' l-appell u n-nuqqas ta' l-appellanti li jissollevaw espressament l-ilment taghhom ta' nuqqas ta' kumpens gust fir-rikors promotorju ta' dawn il-proceduri, l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------